MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 187/2005

**Vincent Curmi bhala amministratur ta' l-eredita' gjacenti tal-Markis John Scicluna [182942M]
U b'digriet tal-11 ta' April, 2005 il-Qorti ordnat li l-kliem "Vincent Curmi bhala amministratur ta' l-eredita' gjacenti tal-Markis John Scicluna" jigu kancellati u sostitwiti bl-isem "Corinne Ramsay ID 315623M"**

**vs**

**Philip u Anna konjugi Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas lill-istess Corinne Ramsay is-somma ta' tlett elef, mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm3,125), dovuti bhala kera gravanti l-fond ossija hanut f'numru 28, Main Street, St. Julian's ghal-perijodu li jmur mit-3 ta' Jannar,

2004 sat-2 ta' April, 2005 pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-attrici li biha rriduciet it-talba taghha b'sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm625) ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' fis-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500), bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------